

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2470

tal-14 ta' Diċembru 2022

li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tekniku u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, punti (a), (b), (c) (e) sa (i), (k) u (l) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/816 stabbilixxa s-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) bħala sistema li permezz tagħha l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru jew awtorità kompetenti oħra tkun tista' ssir taf minnufih u b'mod effiċjenti liema Stati Membri jkollhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiżi terz. Il-qafas eżistenti tal-ECRIS jista' mbagħad jintuża mill-awtoritajiet ċentrali biex tintalab informazzjoni ta' rekords kriminali minn dawk l-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI ⁽²⁾. Awtoritajiet kompetenti oħra jistgħu jużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom għal dan l-għan.
- (2) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ hija responsabbli għall-iżvilupp tal-ECRIS-TCN, inkluż l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-ittestjar, kif ukoll għat-tmexxija operazzjonali tas-sistema.
- (3) Sabiex l-eu-LISA tkun tista' tfassal l-arkitettura fiżika tal-ECRIS-TCN, tiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema u tiżviluppa l-ECRIS-TCN, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-ipproċessar tad-*data* alfanumerika u tal-marki tas-swaba', il-kwalità tad-*data*, id-dħul tad-*data*, l-aċċess u l-konsultazzjoni tal-ECRIS-TCN, iż-żamma u l-aċċess għar-reġistrazzjonijiet, il-forniment ta' statistika kif ukoll ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u disponibbiltà tal-ECRIS-TCN. Jenħtieġ li l-eu-LISA telabora speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati wara l-konklużjoni tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/816.

⁽¹⁾ ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/884 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/JHA, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 143).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

- (4) Jenħtieġ li l-arkitettura ECRIS-TCN tikkonforma mal-qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2019/817⁽⁴⁾ u (UE) 2019/818⁽⁵⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Bil-ħsieb tat-twassil ta' servizzi pubbliċi fil-livell Ewropew b'mod interoperabbli, jenħtieġ li s-software u l-hardware tal-ECRIS-TCN jikkonformaw ma' standards definiti li jippromwovu l-interoperabbiltà għad-*data*, l-applikazzjonijiet u t-teknoloġija.
- (5) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn is-sistema ECRIS-TCN, minn naħa waħda, u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), min-naħa l-oħra, l-emendi konsegwenzjali meħtieġa ġew adottati fir-Regolamenti (UE) 2021/1133⁽⁶⁾ u (UE) 2021/1151⁽⁷⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rispettivament.
- (6) Sabiex jiġi appoġġat l-oġettiv tal-VIS u tal-ETIAS li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' sigurtà billi jipprevedu valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju għas-sigurtà tal-applikanti li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, jenħtieġ li kemm is-sistemi tal-VIS kif ukoll tal-ETIAS ikunu jistgħu jivverifikaw jekk teżistix xi korrispondenza bejn id-*data* fil-files tal-applikazzjoni tal-VIS u tal-ETIAS u d-*data* maħżuna fl-ECRIS-TCN, fir-rigward ta' liema Stati Membri jkollhom informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun għew ikkundannati fil-25 sena preċedenti ta' reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁸⁾ jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali.
- (7) Għal dan l-għan, meta jinholq rekord tad-*data* fl-ECRIS-TCN, jenħtieġ li l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna żżid marka li tindika, għall-finijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁹⁾ u (UE) 2018/1240, li ċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi ikkonċernat ikun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti ta' reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali, flimkien mal-kodiċi tal-Istat Membru tal-kundanna.
- (8) Jenħtieġ li l-Portal Ewropew tat-Tfittxija, stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818, jippermetti li ssir tfittxija fid-*data* maħżuna fl-ECRIS-TCN. Fejn rilevanti fil-kuntest tal-interoperabbiltà, jenħtieġ li l-Portal Ewropew tat-Tfittxija jippermetti wkoll li ssir tfittxija fid-*data* tal-ECRIS-TCN b'mod parallel mad-*data* maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE kkonċernati.
- (9) Is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818, għandu jaħżen mudelli tal-marki tas-swaba' u jenħtieġ li jippermetti li ssir tfittxija fid-*data* tal-marki tas-swaba' maħżuna fl-ECRIS-TCN.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1133 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, (UE) 2016/794, (UE) 2018/1862, (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għall-aċċess għal sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 7).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

- (10) Peress li l-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' mhux dejjem tista' tkun fattibbli, jenħtieġ li l-ECRIS-TCN tkun tista' tidentifika persuna permezz ta' *data* alfanumerika biss. Għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-isfida teknika ewlenija hija li d-*data* alfanumerika mhux dejjem tkun preċiża. Eżempji ta' ineżattezzi bħal dawn jinkludu ambigwià li fuqha huwa l-isem u l-kunjom, l-ortografija u l-varjazzjonijiet tat-translitterazzjoni tal-ismijiet, jew l-ineżattezza tad-*data* tat-twelid. Għalhekk huwa importanti li l-ECRIS-TCN tkun tista' tqabbel id-*data* alfanumerika anke meta mhux l-elementi kollha ta' identifikazzjoni jkunu identiċi, imsejħa tfittxijiet mhux eżatti. L-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' taħlita ta' verifiki tal-kwalità tad-*data* u tfittxijiet ineżatti jew kwalunkwe mezz ieħor ipprovdut mill-magna tat-tiftix sottostanti xierqa għall-fini tas-sistema. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kontrolli fuq l-għadd ta' rekords irritornati bħala riżultat ta' domanda f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Nuqqas ta' dan jikkomprometti d-drittijiet tal-individwi u l-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistema.
- (11) Il-magna li twettaq it-tfittxija mhux eżatta għandha tkun tista' tillimita r-riżultati billi tispeċifika limitu ta' punteġġ li jaqbel u billi tistabbilixxi daqs massimu għal-lista ta' rekords irritornati. Il-livell li fih riżultat ta' tfittxija għandu jitqies bħala konkordanza, kif ukoll il-lista ta' oqsma ta' *data* li jistgħu jintużaw għat-tfittxija mhux eżatta għandhom jiġu stabbiliti wara testijiet imwettqa matul il-fażi ta' implimentazzjoni.
- (12) Jenħtieġ li kull reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tal-ECRIS-TCN tiżgura rekord tal-awditjar ċar, jiġifieri tipprovdri evidenza dokumentarja u tippermetti t-traċċar tal-operazzjonijiet kollha mwettqa fl-ECRIS-TCN.
- (13) Jenħtieġ li l-istatistika tal-ECRIS-TCN tippermetti l-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali permezz tal-ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS. Dik l-istatistika għandha toriġina mis-sorsi li ġejjin: ir-repożitorju Ċentrali għar-Rappurtar u l-Istatistika stabbilit u implimentat mill-eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 39(2) tar-Regolament (UE) 2019/818, l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS jew is-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-ECRIS, u r-reġistri tar-rekords kriminali tal-Istati Membri fir-rigward tal-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati u l-għadd ta' kundanni tagħhom.
- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/816 u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, id-Danimarka mhijiex marbuta li timplimenta din id-Deċiżjoni.
- (15) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/816 u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, l-Irlanda mhijiex marbuta li timplimenta din id-Deċiżjoni.
- (16) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dħul ta' *data* fl-ECRIS-TCN

Meta ddaħħal *data* fl-ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tuża l-mudell tad-*data* stabbilit fit-Taqsima I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-elementi tad-*data* inklużi fil-mudell tad-*data* għandhom ikunu konsistenti mal-mudell tad-*data* għall-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS imsemmija fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

L-iproċessar tad-data

1. Meta kemm id-*data* alfanumerika kif ukoll id-*data* tal-marki tas-swaba' ta' persuna jkunu inklużi f'rekord tad-*data* maħluq fl-ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/816, id-*data* alfanumerika għandha tkun marbuta mad-*data* tal-marki tas-swaba' korrispondenti tagħha.

2. L-algoritmu tal-kompresjoni tal-immaġnijiet tal-marki tas-swaba' li għandu jintuża għandu jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija ("NIST").

Id-*data* tal-marki tas-swaba' b'riżoluzzjoni ta' 500 ppi għandha tiġi kkompressata bl-użu tal-algoritmu WSQ (ISO/IEC 19794-5:2005).

Id-*data* tal-marki tas-swaba' b'riżoluzzjoni ta' 1 000 ppi għandha tiġi kkompressata bl-użu tal-istandard ta' kompresjoni tal-immaġni JPEG 2000 (ISO/IEC 15444-1) u s-sistema ta' kodifikazzjoni.

Il-proporzjon ta' kompresjoni fil-mira għandu jkun ta' 15:1.

3. Is-sostituzzjoni jew l-aġġornament fl-ECRIS-TCN tad-*data* tal-marki tas-swaba' msemija fl-Artikolu 4(7) għandhom ikunu preċeduti minn verifika b'suċċess tal-identità mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dik is-sostituzzjoni jew l-aġġornament għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-prinċipji li jinsabu fid-disinn tal-arkitettura fiżika tal-ECRIS-TCN imsemija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/816.

Artikolu 3

Il-kwalità tad-data alfanumerika

1. Meta ddaħħal jew timmodifika *data* alfanumerika fl-ECRIS-TCN, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tuża l-mekkaniżmu ta' verifika tal-kwalità tad-*data* integrat fl-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS.

2. L-Istati Membri li jużaw is-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS, kif previst fl-Artikolu 4(4) sa (7) tar-Regolament (UE) 2019/816, għandhom jiżguraw li s-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS jippermetti l-istess verifika alfanumerika tal-kwalità tad-*data* bħall-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-proċess ta' verifika tal-kwalità tad-*data* għandu japplika għad-dħul jew il-modifika tad-*data* alfanumerika kollha, u jiżgura li bħala minimu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-taqsimiet obligatorji kollha jimtlew jew iżommu l-valur "mhux magħruf";
- (b) meta isem ikun fih il-valur "mhux magħruf", il-kunjom ma għandux ikollu l-valur "mhux magħruf", u viċi versa, sakemm il-pseudonimu, l-isem jew il-kunjom tal-alias, jew il-marki tas-swaba' għall-istess persuna ma jkunux disponibbli;
- (c) l-element tad-*data* "nazzjonalità jew nazzjonalitajiet" fil-messaġġ li jkun dieħel tal-Istat Membru tal-kundanna għandu jiġi vverifikat ma' lista predefinita ta' pajjiżi, iżda jista' jkun fih wieħed mill-valuri "mhux magħruf" jew "apolidi".

4. Ma għandux jinholq rekord tad-*data* ġdid meta jkun diġà nholq rekord li jkun fih *data* alfanumerika identika fl-ECRIS-TCN mill-istess Stat Membru, b'mod partikolari meta jkun diġà jeżisti l-istess Kodiċi ta' Referenza tal-Istat Membru mill-istess Stat Membru.

Meta titqabbel l-identità tar-rekords tad-*data*, għandhom jitqiesu biss l-elementi tad-*data* alfanumeriċi mmarkati bħala rilevanti għal tali tqabbil fil-mudell tad-*data* stabbilit fit-Taqsimi I tal-Anness.

L-elementi tad-*data* alfanumerika vojta fi kwalunkwe wieħed mir-rekords tad-*data* mqabbla ma għandhomx jitqiesu għall-fini ta' dan it-tqabbil.

5. Meta rekord ikun fih kwalunkwe *data* alfanumerika li ma tikkonformax mal-istandards stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, dak ir-rekord għandu jiġi rrifjutat mill-ECRIS-TCN fl-intier tiegħu u ma għandux jinħażen jew jiġi pproċessat.

Artikolu 4

Il-kwalità tad-*data* tal-marki tas-swaba'

1. Meta ddaħħal jew timmodifika *data* tal-marki tas-swaba' fl-ECRIS-TCN l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tuża mekkaniżmu ta' verifika tal-kwalità tad-*data* integrat fl-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS jew offrut minn eu-LISA bħala applikazzjoni tas-software. F'konformità mar-responsabbiltajiet tal-eu-LISA skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/816, l-eu-LISA għandha tkun responsabbli wkoll għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' dan il-mekkaniżmu ta' verifika tal-kwalità tad-*data*.
2. L-istess mekkaniżmu ta' verifika tal-kwalità tad-*data* bħall-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit, miżmum u aġġornat fis-sistema ċentrali ECRIS-TCN.
3. L-Istati Membri li jużaw is-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS, kif previst fl-Artikolu 4(4) sa (7) tar-Regolament (UE) 2019/816, għandhom jiżguraw, f'każ li ma jagħmlux użu mill-mekkaniżmu tal-kwalità tad-*data* msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li s-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS jiggarrantixxi l-istess standards u metriċi għall-verifika tal-kwalità tad-*data* tal-marki tas-swaba' bħall-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1.
4. Għall-fini tal-verifika tal-kwalità msemmija f'dan l-Artikolu, bħala minimu għandha tintuża l-verżjoni 2.0 tal-metrika tal-Kwalità tal-Immaġini tal-Marki tas-Swaba' (NFIQ), definita min-NIST.
5. Il-proċess ta' verifika tal-kwalità tad-*data* għandu japplika għad-*data* kollha tal-marki tas-swaba' mdaħħla fl-ECRIS-TCN jew modifikata fiha, u għandu jiżgura li jiġu ssodisfati mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) id-*data* tal-marki tas-swaba' tikkonsisti f'mhux aktar minn għaxar marki tas-swaba' individwali: irrolljati, ċatti, jew it-tnejn li huma;
 - (b) il-marki tas-swaba' kollha jkunu ttikkettjati;
 - (c) id-*data* tal-marki tas-swaba' tinqabad minn scans live jew bil-linka fuq karta, dment li l-marki tas-swaba' bil-linka fuq il-karta jkunu ġew skennjati fir-riżoluzzjoni meħtieġa u bl-istess kwalità;
 - (d) id-*data* tal-marki tas-swaba' għandha tiġi pprovduta f'file wieħed li jkun fih immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba' (il-file NIST) u għandha tiġi sottomessa f'konformità mal-istandard ANSI/NIST-ITL 1-2011 Aġġornament 2015 (jew verżjoni aktar ġdida);
 - (e) il-file NIST għandu jippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni komplementari bħall-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-marki tas-swaba', il-metodu użat għall-kisba ta' immaġnijiet individwali tal-marki tas-swaba' u l-valur tal-kwalità kkalkulat mill-Istati Membri matul il-proċess ta' verifika tal-kwalità tad-*data*;
 - (f) id-*data* tal-marki tas-swaba' għandha riżoluzzjoni nominali ta' 500 jew 1000 ppi (b'devjazzjoni aċċettabbli ta' +/- 10 ppi) b' 256 livelli ta' griż;
 - (g) id-*data* tal-marki tas-swaba' tissodisfa l-limiti ta' kwalità li għandhom jiġu ddeterminati wara li jitwettqu t-testijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/816 matul il-fażi ta' implimentazzjoni.
6. Meta jfittxu fl-ECRIS-TCN b'*data* tal-marki tas-swaba' biex jidentifikaw l-Istati Membri li jkollhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw *data* tal-marki tas-swaba' li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punti (d) u (f) ta' dan l-Artikolu kull meta jkun possibbli.
7. Id-*data* tal-marki tas-swaba', ħliet id-*data* tal-marki tas-swaba' msemmija fil-paragrafu 8, imdaħħla jew immodifikata fl-ECRIS-TCN, li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, għandha tiġi rrifjutata mill-ECRIS-TCN fl-intier tagħha u la għandha tinħażen u lanqas tiġi pproċessata.
8. Għar-rekords tad-*data* msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2019/816, kwalunkwe *data* tal-marki tas-swaba' li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha tinħażen fl-ECRIS-TCN, iżda tista' tintuża biss mill-awtoritajiet kompetenti biex jikkonfermaw l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie identifikat bħala riżultat ta' tfitxija alfanumerika. Meta ddaħħal tali rekords tad-*data* fl-ECRIS-TCN, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tiżgura li dawn ir-rekords tad-*data* jkunu jistgħu jintgħarfu b'mod ċar mir-rekords tad-*data* l-oħra.

Artikolu 5

Aċċess għal u tiftix fl-ECRIS-TCN

1. Meta jfittxu fl-ECRIS-TCN biex jidentifikaw l-Istati Membri li jkollhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-mudell tad-*data* stabbilit fit-Taqsima II tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. Meta jwettqu tftixxija msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimlew kemm jista' jkun elementi ta' *data* li jidentifikaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat kif disponibbli. Sakemm it-tftixxija ma jkunx fiha l-immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba' (il-file NIST), għandhom jintgħażlu mill-inqas tliet elementi tad-*data* bħal dawn minn fost dawk immarkati għal dan l-għan fil-mudell tad-*data* stabbilit fit-Taqsima II tal-Anness.
3. Wara t-testijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/816 imwettqa matul il-fażi ta' implimentazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin:
 - (a) il-lista ta' oqsma ta' *data* fir-rigward ta' *data* li tista' tintuża għal tftixxija mhux eżatta
 - (b) il-kundizzjonijiet meta riżultat ta' tftixxija għandu jitqies bħala konkordanza, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tas-sistema ċentrali ECRIS-TCN stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness u l-livell aċċettabbli ta' pożittivi foloz u negattivi foloz.
4. L-għadd ta' rekords irritornati bħala riżultat ta' tftixxija ma għandux jaqbeż l-għaxra għal kull Stat Membru. Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-għadd ta' rekords irritornati, fejn xieraq.
5. Ħlief fejn previst mod ieħor fir-Regolament (UE) 2019/816, l-awtoritajiet ċentrali għandu jkollhom aċċess f'kull ħin għad-*data* kollha mdaħħla minnhom fl-ECRIS-TCN, inkluż aċċess għal rekords multipli tad-*data* fl-istess ħin.
6. Il-listi tal-profilu tal-persunal awtorizzat biex jaċċessa l-ECRIS-TCN, stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikoli 12(1)(d) u 15 tar-Regolament (UE) 2019/816, kif ukoll l-aġġornamenti tagħhom għandhom jiġu pprovduti lil eu-LISA.

Artikolu 6

Iż-żamma u l-aċċess għar-reġistri

1. eu-LISA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu l-infrastruttura u l-għodod meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* fl-ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/816, u b'mod partikolari l-għodod għall-aggregazzjoni u għat-tiftix ta' reġistri.

eu-LISA, f'konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv ECRIS-TCN imsemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/816 ("Grupp Konsultattiv ECRIS-TCN"), u l-awtoritajiet kompetenti, għandha tkun responsabbli wkoll biex tispeċifika l-istandards, il-prattiki u l-proċeduri ta' reġistrazzjoni rispettivi tagħhom, inkluż il-format speċifiku tar-rekords tal-illoggjar u l-proċedura għall-kondiviżjoni tar-rekords tal-reġistri.
2. eu-LISA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istandards u l-proċeduri rispettivi tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1. Dik l-implimentazzjoni għandha tinkludi:
 - (a) l-ispezzjoni tar-reġistri b'reazzjoni għal inċidenti u fejn possibbli b'mod proattiv,
 - (b) il-kompiti ta' ġestjoni tar-reġistri bħall-arkivjar, il-ħżin sikur, id-disponibbiltà għolja u l-protezzjoni kontra aċċess mhux awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/816.
3. eu-LISA għandha tkun responsabbli biex tagħmel ir-reġistri disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, fuq talba, f'konformità mal-proċedura speċifikata f'konformità mal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli biex iżommu r-reġistrazzjonijiet rispettivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/816, jimmaniġġjawhom u jipprovduhom lill-eu-LISA, fuq talba, f'konformità mal-proċedura speċifikata f'konformità mal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu.
5. Kull reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tal-ECRIS-TCN għandha, bħala minimu, tinkludi rekord kronoloġiku li jipprovdi evidenza dokumentarja tas-sekwenza tal-attivitajiet li jkunu affettwaw fi kwalunkwe ħin operazzjoni, proċedura jew avveniment speċifiku.
6. eu-LISA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddefinixxu kull wieħed il-lista tal-persunal awtorizzat biex jaċċessa r-reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tal-ECRIS-TCN u l-profilu tagħhom f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/816.

Artikolu 7

Statistika

1. Ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rappurtar u l-Istatistika, stabbilit u implimentat minn eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 39(2) tar-Regolament (UE) 2019/818, u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS għandhom jipproduċu statistika relatata mar-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali permezz tal-ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS, imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816.
2. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi b'mod partikolari l-istatistika tan-negozju li ġejja:
 - (a) fir-rigward tal-indikaturi tal-użu tas-sistema:
 - (i) l-għadd ta' rekords tad-*data* maħluqa għal ċittadini TCN u għal ċittadini doppji (TCN/UE);
 - (ii) l-għadd ta' rekords tad-*data* modifikati għat-TCN u għaċ-ċittadini doppji (TCN/UE);
 - (iii) l-għadd ta' rekords tad-*data* mħassra għal ċittadini TCN u għal ċittadini doppji (TCN/UE);
 - (iv) l-għadd ta' wiri mill-awtoritajiet ċentrali tar-rekords tad-*data* tagħhom stess f'konformità mal-Artikolu 5(5);
 - (v) l-għadd ta' mistoqsijiet fir-rigward ta' TCN u fir-rigward ta' ċittadini doppji (TCN/UE);
 - (b) fir-rigward tal-indikaturi tad-*data*:
 - (i) l-għadd ta' rekords fil-bażi tad-*data*;
 - (ii) l-għadd ta' rekords li fihom il-marki tas-swaba';
 - (iii) l-għadd ta' rekords li fihom marki stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/816, separatament għall-kundanni ta' reat terroristiku jew ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240;
 - (iv) rapport dwar il-preżenza ta' *data* alfanumerika;
 - (v) rapport dwar il-preċiżjoni tad-*data* tat-twelid;
 - (vi) l-għadd ta' rekords mhux aċċettati għall-inklużjoni;
 - (vii) in-numru ta' *data* tal-marki tas-swaba' mhux aċċettata għall-inklużjoni skont l-Artikolu 4(7) ta' din id-Deċiżjoni;
 - (c) f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi tal-effiċjenza li jaqblu:
 - (i) l-għadd ta' rekords irritornati meta tkun qed issir tfittxija eżatta għall-Istati Membri tal-kundanna;
 - (ii) l-għadd ta' rekords irritornati meta ssir tfittxija mhux eżatta għall-Istati Membri tal-kundanna;
 - (iii) l-għadd ta' tfittxijiet eżatti mwettqa bl-użu ta' *data* alfanumerika jew marki tas-swaba', jew it-tnejn;
 - (iv) l-għadd ta' tfittxijiet ineżatti mwettqa bl-użu ta' *data* alfanumerika jew marki tas-swaba', jew it-tnejn;

- (v) l-għadd ta' hits ta' tiftix eżatti, abbażi tat-talbiet sussegwenti tal-ECRIS;
 - (vi) l-għadd ta' hits ta' tiftix ineżatti, abbażi tat-talbiet sussegwenti tal-ECRIS;
- (d) indikaturi oħrajn:
- (i) liema awtorità kompetenti wettqet it-tfittxija;
 - (ii) l-iskop tat-tfittxijiet f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/816, speċifikat għal kull awtorità kompetenti li wettqet it-tfittxija.
3. Fejn rilevanti, l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi prodotta separatament għal kull awtorità kompetenti.
4. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi b'mod partikolari l-istatistika teknika li ġejja, fir-rigward tal-indikaturi tal-kwalità tas-servizz:
- (a) il-proporzjon ta' suċċess/falliment tat-talbiet;
 - (b) id-disponibbiltà tas-sistema;
 - (c) statistika tal-ħin tar-rispons għal kull każ ta' użu appoġġat mis-sistema.
5. L-istatistika msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandha tiġi prodotta kuljum.
6. L-Istati Membri li jużaw is-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS, kif previst fl-Artikolu 4(4) sa (7) tar-Regolament (UE) 2019/816, għandhom jiżguraw li s-software ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-ECRIS jippermetti l-produzzjoni tal-istess statistika bħall-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS.

Artikolu 8

Rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-ECRIS-TCN

1. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tas-sistema ċentrali ECRIS-TCN għall-ħolqien, il-modifika, it-tħassir u l-wiri ta' rekords tad-*data* kif ukoll għat-tiftix fi Stat Membru tal-kundanna huma stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness.
2. eu-LISA għandha timmonitorja l-prestazzjoni tal-akkuratezza tad-*data* tal-marki tas-swaba' fl-ECRIS-TCN ċentralment fuq id-*data* mdaħħla mill-Istati Membri fl-ECRIS-TCN, abbażi ta' kampjun rappreżentattiv ta' każijiet.
3. Il-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jitwettaq fuq bażi regolari, u mill-inqas darba kull xahar. eu-LISA għandha xxerred ir-rapporti ta' dak il-monitoraġġ lill-Istati Membri.
4. Il-proċess biex titkejjel il-prestazzjoni tal-preċiżjoni tad-*data* tal-marki tas-swaba' għandu jkun awtomatizzat kemm jista' jkun u ma għandux jippermetti l-identifikazzjoni individwali. Dak il-proċess għandu jiġi ddeterminat wara li jitwettqu t-testijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/816 matul il-fażi ta' implimentazzjoni.
5. L-indikatur tal-preċiżjoni "Nuqqas ta' Rata ta' Reġistrazzjoni", li jikkonċerna l-proporzjon ta' reġistrazzjonijiet bi kwalità insuffiċjenti, għandu jiġi applikat fil-proċess tal-monitoraġġ tal-preċiżjoni tad-*data* tal-marki tas-swaba'.

Il-mira ta' akkuratezza għal dak l-indikatur għandha tiġi ddeterminata wara li jitwettqu t-testijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/816 matul il-fażi ta' implimentazzjoni.

Artikolu 9

Rekwiżiti ta' disponibbiltà u ta' rkupru tal-ECRIS-TCN

1. Is-sistema ċentrali ECRIS-TCN għandu jkollha proporzjon ta' disponibbiltà ta' mill-inqas 97,6 %, ikkalkulat fuq sena. Il-manutenzjoni pjanata għandha ssir barra l-ħinijiet tal-uffiċċju tal-eu-LISA u tal-awtoritajiet ċentrali.

2. L-operazzjonijiet ECRIS-TCN għandhom jinżammu f'każ ta' avveniment jew sitwazzjoni avversa potenzjali ta' tfixkil f'konformità mal-valuri tal-Objettiv tal-Ħin ta' Rkupru approvati minn eu-LISA u mill-Istati Membri wara proċess ta' Analiżi tal-Impatt tan-Negozju mwettaq fuq bażi annwali.
3. eu-LISA għandha tiżgura li d-*data* inkluża fl-ECRIS-TCN tkun tista' tiġi restawrata f'każ ta' kwalunkwe avveniment jew sitwazzjoni avversa ta' disturb potenzjali, f'konformità mal-valuri tal-Objettiv tal-Punt ta' Rkupru approvati minn eu-LISA u mill-Istati Membri kif speċifikat fi proċess ta' Analiżi tal-Impatt tan-Negozju mwettaq fuq bażi annwali).

Artikolu 10

Infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ECRIS-TCN

1. L-infrastruttura tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(d) għandha tkun in-Network EuroDomain tas-Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA), magħmul mill-Punt ta' Access tal-EuroDomain TESTA (TAP) u s-sinsla Ewropea TESTA. Kwalunkwe żvilupp ulterjuri tiegħu jew kwalunkwe network sigur alternattiv għandu jiżgura li l-infrastruttura ta' komunikazzjoni fis-seħħ tkompli tissodisfa r-rekwiżiti ta' sigurtà meħtieġa stabbiliti f'konformità mal-prinċipji li jinsabu fid-disinn tal-arkitettura fiżika tal-ECRIS-TCN imsemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/816, kif ukoll fir-Regolament ECRIS-TCN innifsu.
2. F'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 3(15) u 4(1)(d) tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN, sakemm l-infrastruttura ta' komunikazzjoni għall-ECRIS-TCN tkun in-Network EuroDomain TESTA, il-punt ta' aċċess ċentrali nazzjonali għall-ECRIS-TCN għandu jinftiehem bħala l-Punt ta' Access (TAP) tal-EuroDomain TESTA.

Artikolu 11

Software tal-interfaċċja

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-software tal-interfaċċja għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-prinċipji li jinsabu fid-disinn tal-arkitettura fiżika tal-ECRIS-TCN imsemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/816.

Artikolu 12

Żvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

eu-LISA, f'konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv ECRIS-TCN, għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tal-ECRIS-TCN imsemmija fl-Artikoli 1, 2(3), 4(5)(g), 5(3), 5(4), 8(4), 8(5) u 11 f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

I. Id-dħul tad-*data* fil-mudell tad-*data* tal-ECRIS-TCN għall-messaġġ “Ibgħat id-*data*”

L-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna għandha tuża l-mudell tad-*data* stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt meta ddaħħal jew timmodifika d-*data* fl-ECRIS-TCN f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/816. Elementi tekniċi addizzjonali jistgħu jiġu inklużi kif ukoll meħtieġa.

Element tad- <i>data</i>	Tip ta' <i>data</i>	Valur “mhux magħruf” possibbli
[Stat Membru tal-kundanna]: Stat Membru	Obbligatorju	Mhux applikabbli ⁽¹⁾
[Stat Membru tal-kundanna]: Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Membri	Obbligatorju	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: Isem/ismijiet	Fakultattiv	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: Kunjom	Fakultattiv	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: It-tieni kunjom	Fakultattiv	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: Telefown	Fakultattiv	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: Faks	Fakultattiv	Mhux applikabbli
[Persuna ta' kuntatt]: L-indirizz tal-posta elettronika	Obbligatorju	Mhux applikabbli
Username tal-uffiċjal	Obbligatorju	Mhux applikabbli
Numru ta' Referenza tal-Istat Membru (*)	Obbligatorju	Le
Identifikatur Uniku ⁽²⁾	Obbligatorju	Le
Kronogramma biex jintbagħat ir-rekord tad- <i>data</i> mill-ECRIS RI jew mis-software ta' implimentazzjoni nazzjonali lis-sistema ċentrali ECRIS-TCN	Obbligatorju	Mhux applikabbli
Kunjom(ijiet) (*)	Obbligatorju	Iva
Isem/ismijiet (*)	Obbligatorju	Iva
Isem sħiħ (*)	Fakultattiv	Le
Data ta' twelid (*)	Obbligatorju	Iva
Post tat-twelid: [Post]: Pajjiż (*)	Obbligatorju	Iva
Post tat-twelid: [Post]: Isem il-belt (*)	Obbligatorju	Iva
Post tat-twelid: [Post]: Suddiviżjoni tal-pajjiż (*)	Fakultattiv	Le
Post tat-twelid: [Post]: Kodiċi tal-belt (*)	Fakultattiv	Le
Ċittadinanza jew ċittadinanzi (*)	Obbligatorju	Iva
Ġeneru (*)	Obbligatorju	Iva
Kunjom(ijiet) preċedenti (*)	Obbligatorju jekk applikabbli ⁽³⁾	Iva
Isem/ismijiet (*)	Obbligatorju jekk applikabbli ⁽⁴⁾	Iva
Kunjom(ijiet) tal-omm (*)	Fakultattiv	Le

Isem(ismijiet) tal-omm (*)	Fakultattiv	Le
Kunjom(ijiet) tal-missier (*)	Fakultattiv	Le
Isem(ismijiet) tal-missier (*)	Fakultattiv	Le
Numru tal-identità (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Kategorija ta' identifikazzjoni (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Numru tad-dokument ta' identifikazzjoni (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Tip tad-dokument ta' identifikazzjoni (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv	Le
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Fejn rilevanti, kodiċi ta' 3 ittri tal-pajjiż emittenti (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument tal-ivvjaġġar] : (6) Numru tad-dokument tal-ivvjaġġar (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Tip ta' dokument tal-ivvjaġġar (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar (*)	Fakultattiv	Le
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Fejn rilevanti, kodiċi ta' 3 ittri tal-pajjiż emittenti (*)	Fakultattiv	Le
Pseudonimu	Fakultattiv	Le
[Alias]: Isem/ismijiet tal-alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Kunjom(ijiet) tal-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Isem sħiħ tal-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Ġeneru tal-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: Pajjiż	Fakultattiv	Le
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: Isem il-belt	Fakultattiv	Le
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: Suddiviżjoni tal-pajjiż	Fakultattiv	Le
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: Kodiċi tal-belt	Fakultattiv	Le
[Alias]: Data ta' twelid	Fakultattiv	Le
[Alias]: Nazzjonalità jew nazzjonalitajiet tal-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Isem/ismijiet omm l-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Kunjom(ijiet) omm l-Alias	Fakultattiv	Le

[Alias]: Isem/ismijiet missier l-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Kunjom(ijiet) missier l-Alias	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Numru tad-dokument ta' identità	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Tip tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Numru tad-dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv	Le
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv	Le
Immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba' (il-file NIST)	Fakultattiv	Le
Numru ta' referenza tal-immaġni diġitali tal-marki tas-swaba'	Obbligatorju jekk jiġu pprovduti l-immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba'	Le
Parametru li jindika rekord tad- <i>data</i> maħluq skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2019/816 (parametru tad- <i>data</i> tal- <i>legat</i>)	Obbligatorju jekk jiġu pprovduti l-immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba'	Le
Marka stabbilita f'konformità mal-Artikolu 5(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/816	Fakultattiv	Le

(¹) "N/A" tfisser "mhux applikabbli".

(²) Il-kombinazzjoni tal-Kodiċi ta' Referenza tal-Istat Membru u l-kodiċi ISO tal-Istat Membru tal-kundanna.

(³) Tikkonċerna biss każijiet fejn persuna jkollha isem/ismijiet jew kunjom(ijiet) preċedenti, eż. kunjom ta' xebba.

(⁴) Idem.

(⁵) Dokument tal-ivvjaġġar tfisser passaport jew dokument ekwivalenti ieħor li jintitola lid-detentur li jaqsam il-fruntieri u li tista' titweħħel visa miegħu, bħalma elenkat fid-Deċiżjoni 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 9).

(*) element tad-*data* alfanumeriku ta' rekord tad-*data* eżistenti, li għandu jitqabbel ma' element tad-*data* rispettiv tar-rekord tad-*data* li għandu jinħoloq skont l-Artikolu 3(4).

II. Aċċess u tiftix fl-ECRIS-TCN - mudell tad-*data* għall-messaġġ “Fittex Stat Membru tal-kundanna”

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-mudell tad-*data* stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt meta jużaw l-ECRIS-TCN biex jidentifikaw l-Istati Membri li jkollhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/816.

Element tad- <i>data</i>	Tip ta' <i>data</i>
L-Awtorità Kompetenti li qed tressaq it-talba	Obbligatorju
Username tal-uffiċjal	Obbligatorju
Skop tal-messaġġ tat-tiftix	Obbligatorju
Numru ta' referenza tal-Istat Membru	Fakultattiv
Kronogramma biex tintbagħat id- <i>data</i> tat-tiftix mill-ECRIS RI jew mis-software ta' implimentazzjoni nazzjonali lis-sistema ċentrali ECRIS-TCN	Obbligatorju
Tiftixa eżatta/tiftixa mhux eżatta	Obbligatorju
Kunjom(ijiet) (*)	Fakultattiv
Isem/ismijiet (*)	Fakultattiv
Isem sħiħ	Fakultattiv
Data ta' twelid (*)	Fakultattiv
Post tat-twelid: [Post]: pajjiż (*)	Fakultattiv
Post tat-twelid: [Post]: isem il-belt	Fakultattiv
Post tat-twelid: [Post]: Suddiviżjoni tal-pajjiż	Fakultattiv
Post tat-twelid: [Post]: Kodiċi tal-belt	Fakultattiv
Ċittadinanza jew ċittadinanzi (*)	Fakultattiv
Ġeneru	Fakultattiv
Kunjom(ijiet) preċedenti (*)	Fakultattiv
Isem/ismijiet (*)	Fakultattiv
Kunjom(ijiet) tal-omm	Fakultattiv
Isem(ismijiet) tal-omm	Fakultattiv
Kunjom(ijiet) tal-missier	Fakultattiv
Isem(ismijiet) tal-missier	Fakultattiv
Numru tal-identità (*)	Fakultattiv
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Kategorija ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Numru tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Tip tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Dokument ta' identifikazzjoni]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv

[Dokument tal-ivvjaġġar]: Numru tad-dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv
[Dokument tal-ivvjaġġar]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv
Pseudonimu	Fakultattiv
[Alias]: Isem/ismijiet tal-Alias (*)	Fakultattiv
[Alias]: Kunjom(ijiet) tal-Alias (*)	Fakultattiv
[Alias]: Isem sħiħ tal-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Ġeneru tal-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: pajjiż	Fakultattiv
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: isem il-belt	Fakultattiv
[Alias]: [Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: suddiviżjoni tal-pajjiż	Fakultattiv
[Alias]: Post tat-twelid tal-Alias: [Post]: Kodiċi tal-belt	Fakultattiv
[Alias]: Data ta' twelid	Fakultattiv
[Alias]: Nazzjonalità jew nazzjonalitajiet tal-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Isem/ismijiet omm l-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Kunjom(ijiet) omm l-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Isem/ismijiet missier l-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Kunjom(ijiet) missier l-Alias	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Numru tad-dokument ta' identità	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Tip tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument ta' identifikazzjoni	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument ta' identifikazzjoni]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Dokument tal-ivvjaġġar numru	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Isem l-awtorità emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar	Fakultattiv
[Alias]: Alias [Dokument tal-ivvjaġġar]: Fejn rilevanti, kodiċi bi 3 ittri tal-pajjiż emittenti	Fakultattiv
Immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba' (il-file NIST)	Fakultattiv

(*) element tad-data li jista' jintgħażel f'konformità mal-Artikolu 5(2) bħala wieħed mit-tliet elementi minimi tad-data għat-tfittxijiet fis-sistema ECRIS-TCN.

III. Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal ECRIS-TCN

Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għal ECRIS-TCN jenħtieġ li jkunu aħjar minn jew daqs il-valuri elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

Każ ta' użu	Ħin ta' rispons ibbażat fuq operazzjonijiet atomiċi għal 95 % tat-talbiet	Il-ħin massimu tar-rispons ibbażat fuq operazzjonijiet atomiċi
Oħloq/Immodifika r-rekord tad- <i>data</i> tat-TCN (mingħajr il-marki tas-swaba')	30 sek	60 sek
Oħloq/Immodifika r-rekord tad- <i>data</i> tat-TCN (bil-marki tas-swaba')	Rikonoxximent: 30 sek Tmien 5 min	Rikonoxximent: 60 sek Tmien 10 min
Ħassar ir-rekord tad- <i>data</i> tat-TCN (bil-marki tas-swaba' jew mingħajrhom)	30 sek	60 sek
Rekord tad- <i>data</i> maħluq mill-istess Stat Membru (bil-marki tas-swaba' jew mingħajrhom)	15 sek	30 sek
Fittex Stat Membru tal-kundanna (tfittxija eżatta; mingħajr marki tas-swaba')	15 sek	30 sek
Fittex Stat Membru tal-kundanna (bil-marki tas-swaba')	30 sek	60 sek
Fittex Stat Membru tal-kundanna (tfittxija mhux eżatta; bil-marki tas-swaba' jew mingħajrhom)	30 sek	60 sek
Verifika tal-kwalità tad- <i>data</i> tal-marki tas-swaba'	10 sek	20 sek